## Kampjonat 1963-64

# Freddie Delia jiskorja għal Hibernians fid-debutt tiegħu

### L-Ewwel Ġurnata (tkompli)

**13-10-1963:**
Sliema Wdrs FC – Rabat FC 2-1
H.T 0-0 Ref: Joe M. Cassar Naudi
Skurjaw: N. Chircop (R) 59'
u S. Nicholl (S) 60' u 69'

Sliema Wdrs FC: Ray Cosby, Ġużi 'Geddumu' Bonnici (George Micallef 46'), Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Lino 'Il-Fus' Falzon, George Cuschieri, Ronnie Cocks, Edward Aquilina, Joe Cini, Robbie Buttigieg, Sammy Nicholl.

Rabat FC: Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Joe Grech, Frans Peplow, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Victor Azzopardi (John Sapiano), Leslie Agius, George 'Ta'Ġulinu' Tonna, Nenu Chircop, Charles Zammit, Pawlu 'Il-Fulier' Said.

1. Rabat akkwistaw lil Leslie Agius, ex-player ta' Mosta, li fl-istaġun ta' qabel kien lagħab ma' Hibernians. Akkwisti oħra tal-Magpies kienu ta' Victor Azzopardi mingħand Lija Athletic, tad-difensur Norman Scott mingħand Sliema Wdrs sabiex jimla l-vojt li ħalla Joe Bugeja li sieħeb lil Valletta FC u tal-forward Rafel Palmier li ngħata l-clearance certificate minn Gżira United biex ikun jista' jsieħeb lill-Magpies. Min-naħa tagħhom Rabat ittrasferew lil Egidio Sammut u lil Frank Montebello lill-istess Gżira United. Għal Montebello tħallset is-somma ta' £25.

2. Ġużi Bonnici laħaq irkupra fil-ħin biex lagħab f'din il-partita wara li kien kiser idu fil-friendly kontra Lascaris XI (6-1) tal-25 ta' Awwissu. Huwa xejn ma kellu ritorn feliċi meta kontra Rabat weġġa' ftit qabel il-mistrieħ u ma ħariġx għat-tieni taqsima. Bonnici tilef il-kumplament tal-istaġun meta wara li ġie f'sikktu kien tilef postu fit-team. Sadanittant f'dan l-istess staġun huwa kien coach ta' Qormi FC fejn mexxihom għar-rebħ tal-kampjonat tat-Tielet Diviżjoni.

3. George Cuschieri ex-player ta' Gżira United u Ħamrun Spartans ingħaqad ma' Sliema Wanderers. Cuschieri huwa ħu ż-żgħir ta' Ġużi Cuschieri li bejn l-1950 u l-1956 kien jilgħab mal-Wanderers.

4. Joe Aquilina reġa' ffirma mal-Wanderers, iżda din id-darba rreġistra bħala professjonali fejn ingħata s-somma ta' £400 biex jiffirma.

5. Il-goalkeeper Cosby daħal fl-aħħar mumenti minflok il-goalkeeper regolari Freddie Debono wara li dan avża lill-club li kien qed iħoss uġiegħ u ma setax jilgħab. Huwa bagħat iċ-ċertifikat tat-tabib tiegħu lill-Kumitat. Players oħra li kienu nieqsa mit-team tal-Wanderers kienu Salvu Bonnici u 'Jockey' Xuereb. Fil-fatt Cosby ma kienx fil-pjani tal-Wanderers tant li ma kienux ser itellgħuh Wales bħala parti mill-iskwadra għal-logħba kontra Borough United filwaqt li ma bagħtux għalih biex jieħu l-qies tal-ġlekk.

6. Sliema Wanderers kienu qed jinnegozjaw biex iġibu lill-ex nazzjonali Ungeriż, Mihaly Lantos, bħala coach iżda t-talba ta' £90 fix-xahar kienet ikkunsidrata għolja. Wara kienu rranġaw ma' tliet Ungeriżi oħra Aspirany, Rackosi u Silvano Friedmansky, li kienu kollha players li nnegozjaw magħhom biex jiġu hawn fil-kariga ta' player-coach, iżda dawn ma kisbux il-permess tal-FA Ungeriża. Minflok huma kienu taħt il-gwida tal-ex player tagħhom Salvinu Schembri filwaqt li ħatru lill-Ingliż Freeth bħala Physical Trainer.

7. Fredu Church irtira minn player u beda bħala coach ma' Rabat, b'Rafel Palmier jieħu ħsieb il-physical fitness tal-players. Rabat kienu għamlu xi żmien mingħajr coach fis-sajf wara r-riżenja ta' J. Camilleri.

8. Sliema Wanderers kienu rritornaw mill-Ingilterra ġurnata qabel din il-partita tal-kampjonat fejn lagħbu erba' partiti fi tmint ijiem. Fil-fatt wara li, fit-3 ta' Ottubru, sfaw eliminati minn Borough United ta' Wales f'partita mit-Tazza tat-Tazzi, huma lagħbu tliet partiti ta' ħbiberija fejn rebħu kontra New Brighton (3-2) u tilfu ż-żewġ konfronti l-oħra bl-iskor identiku ta' 5-0 kontra żewġ clubs tat-Tieni Diviżjoni Ingliża – Norwich City u Leyton Orient. L-aħħar partita kontra Orient saret jumejn qabel il-konfront kontra Rabat.

9. Fi friendlies oħra li kienu lagħbu f'Malta, Sliema kienu tilfu 5-3 kontra Valletta b'Joe Cini jiskorja t-tliet goals tagħhom, rebħu 2-1 kontra l-istess Valletta b'goals minn Joe Cini u Ronnie Cocks u għelbu lil St. George's 7-2 b'erba' goals minn Joe Cini. Min-naħa tagħhom Rabat kienu għelbu lil Hibernians 2-0 fid-29 ta' Settembru b'goals ta' Louis Azzopardi u Leslie Agius.

Klassifika: Ħamrun Sp. FC, Valletta FC u Sliema Wdrs FC 2 pti.; Floriana FC u Hibernians FC 1 pt.; Rabat FC, Melita FC u St. George's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs FC) u A. Borg (Valletta FC) 2 goals.

### It-Tieni Ġurnata

**19-10-1963:**
Rabat FC – St. George's FC 4-1
H.T 1-0 Ref: Tommy Restall
Skurjaw: o.g Ġ. Grech (R) 22', J. Azzopardi (R) pen. 50', W. Hili (St. Geo) 58', L. Agius (R) 59' u N. Chircop (R) 75'.

Rabat FC: Charles 'Kastru' Zerafa, Norman Scott, Joe Grech, Frans Peplow, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Victor Azzopardi, Leslie Agius, George 'Ta' Ġulinu' Tonna, Nenu Chircop, Charlie Zammit, Pawlu 'Il-Fulier' Said (Louis Azzopardi 73').

St. George's FC: Ġuże Grech (Pawlu Nappa 46'), Joe Brincat, Andrew Ellul, Joe Cutajar, Ray Gauci, Freddie Demanuele, Eddie 'Bagaga' Mizzi, Freddie Delia, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Leli Sultana, Wally Hili.

1. Tnax-il minuta qabel tmiem il-partita kemm Nenu Chircop ta' Rabat FC kif ukoll Ray Gauci ta' St. George's FC sfaw imkeċċija wara li dehru jargumentaw u jimbuttaw lil xulxin. Fil-fatt il-penalty favur Rabat, fil-50 minuta, kien ingħata għal foul ta' Gauci fuq Chircop u minn hemm kienu baqgħu għaddejjin jiffawljaw u jargumentaw ma' xulxin sakemm tkeċċew. Aktar tard huma ġew sospiżi logħba kull wieħed u mmultati £1 mill-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA.

2. Joe Cutajar iddebutta ma' St. George's wara li seħibhom fis-sajf mingħand Zurrieq. Huwa ma kienx lagħab fl-ewwel partita tal-kampjonat għax kien sospiż.

3. Eddie Mizzi rritorna fit-team ta' St. George's wara li rranġa d-differenzi li kellu mall-Kumitat.

4. L-autogoal ikkaġunat mill-goalkeeper żagħżugħ, Ġuże Grech, wasal minn cross ta' Charlie Zammit li l-goalkeeper Bormliż ħadu minn fuq ras Joe Brincat u Pawlu Said u meta l-azzjoni dehret li ntemmet hemm, b'sorpriża ta'

kulħadd ħarablu l-ballun minn idu u spiċċa fix-xibka.

**20-10-1963:**
Sliema Wdrs FC – Ħamrun Sp. FC 3-0
H.T 0-0 Ref: Pawlu Bonnett
Skurjaw: E. Aquilina (S) 54', J. Cini (S) 68' u E. Aquilina (S) 83'.

Sliema Wdrs FC: Ray Cosby, Lino 'Il-Fus' Falzon, Joe Aquilina, Charles 'Il-Kiskisell' Spiteri, Salvu Bonnici, Robbie Buttigieg, Ronnie Cocks, Edward Aquilina, Leli 'Tal-Fjuri' Micallef (Joe Cini 46'), Sammy Nicholl, George Micallef.

Ħamrun Sp. FC: Lino Mizzi, Martin Attard, Joe Stanmore, George Jones, Johnnie Fondacaro, Silvio Micallef, Pawlu Buttigieg (Edward Spiteri 55'), Albert Calleja, Jimmy Mizzi, Charles 'It-Topsy' Aquilina, Gejtu Briffa.

1. Pawlu Buttigieg tal-Ispartans kien xortih tajba li ma tkeċċiex meta deher ixejjer bis-sieq lil Joe Aquilina f'ritaljazzjoni iżda r-referee minkejja li rah jirritalja għażel li jwissih.

2. Joe Cini ħalla fuq il-bank tas-sostituti minħabba li fost il-ġimgħa kien qed jilmenta minn uġiegħ fil-groin. Huwa xorta ddaħħal jilgħab fil-bidu tat-tieni taqsima minħabba li l-iskor kien għadu ma nfetaħx u Sliema kienu taw xutt wieħed biss lejn il-lasta avversarja minn Robbie Buttigieg li l-goalkeeper Lino Mizzi dawwar f'corner. Fil-fatt Cini kien għaddej minn vena tajba ta' goals fejn fil-friendlies tas-sajf kien skorja seba' goals fiż-żewġ friendlies kontra HMS Lascaris mirbuħa 9-0 u 6-1, skorja fiż-żewġ friendlies kontra Valletta b'hat-trick fit-telfa ta' 5-3 u goal fir-rebħa ta' 2-1 u skorja erba' goals kontra St. George's fir-rebħa ta' 7-2.

3. Għal Sliema rritorna Salvu Bonnici li kien imweġġa' iżda baqa' nieqes il-goalkeeper Freddie Debono li din id-darba la mar għal logħob u lanqas ippreżenta ċertifikat tat-tabib. Debono kien urtat mal-club meta fi friendly fost il-ġimgħa kien lagħab Cosby filwaqt li hu ħalla reserve l-partita kollha.

4. Sliema Wanderers kienu rċevew talba mingħand Stockport County tar-Raba' Diviżjoni li xtaqu jakkwistaw lil Ronnie Cocks. Scouts tal-club Ingliż kienu mpressjonati bil-logħob li wera Ronnie Cocks fil-partita tat-Tazza tat-Tazzi kontra Borough United kif ukoll fit-tliet friendlies li Sliema lagħbu fl-Ingilterra fil-ġranet ta' wara.

**26-10-1963:**
Hibernians FC – Valletta FC 1-0
H.T 1-0 Ref: Tommy Restall
Skorja: F. Delia (H) 5'

Hibernians FC: Freddie 'Il-Pampalun' Mizzi, Johnnie 'Il-Ġemel' Privitera, Salvu 'Karettuni' Gatt, Louis Theobald, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Victor Grima, Tony Griffiths (Frans 'In-Nagħga' Xuereb 57'), Freddie Delia, Victor Cassar, Eddie 'L-Għasfur' Theobald, Silvio Debattista.

Valletta FC: Alfred Stivala, Johnnie Attard, Vince 'Iċ-Ċorma' Gauci, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Frankie Zammit, Vince 'Tal-Manager' Vassallo, Tony Calleja, Toninu 'Landolina' Camenzuli (Pawlu 'Iċ-Ċorma' Gauci 46'), Josie Urpani, Freddie 'Il-Waniż' Borg.

1. Debutt mill-aqwa għal Freddie Delia ma' Hibernians FC meta skorja l-uniku goal tal-partita wara ħames minuti kif ukoll laqat il-mimduda ftit qabel il-mistrieħ. Huwa kien ġie akkwistat mingħand St. George's tlett ijiem qabel u daħal mill-ewwel fit-team wara li Victor Brincat ma setax jilgħab minħabba li kien qed ibati minn uġigħ fl-irkoppa.

Fil-fatt Victor Brincat kompla ggrava l-injury, fit-3 ta' Novembru, waqt il-partita mill-kampjonat tal-U/21 kontra Valletta fejn ma setax ikompli l-partita u ġie sostitwit minn Ronnie Theobald, iż-żgħir fost it-tliet aħwa Theobald. Victor Brincat tista' tgħid li tilef il-kumplament tal-istaġun meta għamel l-operazzjoni tal-cartilage fl-Isptar tal-Blue Sisters u rritorna għal-logħob f'April fejn kull ma lagħab kien biss 20 minuta kontra Sliema Wanderers.

2. Ma' Hibernians daħal bħala sostitut fit-tieni taqsima Ċikku Xuereb wara li kien kważi sieħeb lil Ħamrun Spartans li offrew £180 għas-servizzi tiegħu. Anke St. George's u Rabat kienu bagħtu offerti lill-club Pawlist iżda Hibernians ma riedux iħalluh jitlaq.

3. Ma' Valletta ddebuttaw Toninu Camenzuli li ġie akkwistat mingħand St. Patrick għal £250 u Johnnie Attard wara li l-Kunsill tal-MFA, fis-16 ta' Ottubru, kien iddeċieda li Attard seta' jsieħeb lil Valletta b'xejn mingħand Hibernians filwaqt li mmultat lill-player £5 u lil Hibernians £10 talli ħallas tal-ispejjeż tat-trasport biex imur għat-training meta kien Amateur. Hibernians kienu appellaw mis-sentenza fejn sostnew li d-deċiżjoni tal-MFA kkonfermat li l-player ma kienx aktar Amateur u għalhekk kellhom raġun ma joħorġux il-Clearance Certificate biex jitlaq b'xejn.

4. Kemm il-goalkeeper Tommy Taylor kif ukoll Charlie Williams kienu għadhom nieqsa mit-team Belti wara li kienu weġgħu fi Praga kontra Dukla, fil-partita tat-Tazza taċ-Champions.

5. Josie Urpani darbtejn laqat il-lasti ta' Hibernians fejn fiż-żewġ okkażjonijiet il-goalkeeper Freddie Mizzi kien megħlub. Fit-tieni okkażjoni huwa kien ħataf back pass qasir ta' Leli Attard lejn Freddie Mizzi u bil-goalkeeper barra minn postu qabbeż il-ballun fix-xibka vojta iżda laqat il-mimduda.

6. Din kienet l-unika partita ta' tmiem il-ġimgħa minħabba li, il-Ħadd 27 ta' Ottubru, kienet il-Festa ta' Kristu Re.

**01-11-1963:**
Floriana FC – Melita FC 3-0
H.T 0-0
Skurjaw: J. Fava (F) 51', T. Cauchi (F) 68' u P. Demanuele (F) 88'.
Referee: Anthony Galea
Linesmen: Charles Galea u Jimmy Sawyer

Floriana FC: Charlie Vella, Joe Grima, Tony Sammut, Edward Azzopardi, Lolly Debattista, Lolly Aquilina, Joe Fava, Tony 'Majsi' Cauchi, Pullu 'Koku' Demanuele, Lolly Borg, Louis Marmara.

Melita FC: George Borg (Alfred Marmara 46'), Alfred 'Il-Paper' Debono, Emmanuel Suda, John 'Casey' Cassar, John Delia, Alfred Dymond, Wistin Mallia, Frans Scerri (Paul Sghendo 55'), John Bonnett, Alfred Fenech, Oliver Buttigieg.

1. Wistin Mallia u l-goalkeeper Alfred Marmara ddebuttaw ma' Melita wara li t-tnejn gew akkwistati mingħand Floriana FC fit-trasferimenti tas-sajf. Fil-fatt Marmara kien daħal fil-bidu tat-tieni taqsima minflok il-goalkeeper George Borg li weġġa' u rritorna għal-logħob ġimagħtejn wara.

2. Player ieħor li weġġa' għal Melita kien Frans Scerri. Fil-fatt għal Scerri din kienet l-aħħar dehra tiegħu mal-Amateurs għax sakemm irkupra mill-injury huwa kien ġie trasferit lura mat-team ta' Hibernians.

3. Din il-partita ntlagħbet fil-ġurnata tal-Ġimgħa minħabba li, l-1 ta' Novembru, kienet il-festa tal-Qaddisin Kollha biex b'hekk ġiet irkuprata l-ġurnata bla logħob tal-Ħadd ta' qabel minħabba l-festa ta' Kristu Re.

Klassifika: Sliema Wdrs FC 4 pti.; Floriana FC u Hibernians FC 3 pti.; Rabat FC, Valletta FC u Ħamrun Sp. FC 2 pti.; Melita u St. George's FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: N. Chircop (Rabat FC); S. Nicholl u E. Aquilina (Sliema Wdrs FC) u F. Borg (Valletta FC) 2 goals.